MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2012

Mandat Numru. 982/2012/1

**Charlene Galea**

**vs**

**Philip Camilleri, pensjonant u guvni, iben il-mejjet Giuseppi Camilleri u Maria Camilleri nee' Gatt imwieled u residenti Haz-Zebbug**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Charlene Galea tad-9 ta' Lulju 2012 ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghal kreditu li jeccedi €11,646.86;

Rat ir-risposta ta' Philip Camilleri tat-13 ta' Lulju 2012;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti tallega li hi kienet gharusa lil certu Jonathan Vella neputi ta' Philip Camilleri. Philip Camilleri kellu binja mitluqa mibnija fuq art li taghha kien koproprjetarju ma' ohrajn. Philip Camilleri offrielhom din id-dar biex jabitaw fiha. Ir-rikorrenti u Jonathan Vella ghamlu hafna spejjez biex irrangaw id-dar u r-rikorrenti tallega illi harget €29,000 ghal meljoramenti fil-fond. Sfortunatament l-gherusija thassret u ghalkemm Jonathan Vella accetta li jirrifondi l-ispejjez li ghamlet naqas li jroddilha s-somma li harget. Hi tallega li l-intimat arrikkixxa ruhu indebitament bil-meljoramenti li saru fil-fond.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

L-intimat jopponi ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Fl-ewwel lok ghax ma hemmx relazzjoni diretta jew jedd kontra l-intimat u illi lanqas ma jirrizulta ebda pregudizzju irrimedjabbli ghar-rikorrenti biex tottjeni d-drittijiet taghha.

Il-Qorti tqis illi dan il-mandat ma jistax jirnexxi. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti trid tipprova dritt prima facie kontra l-intimat. L-uniku dritt li jirrizulta li ghandha r-rikorrenti, almenu kif tallega hi, u fuq bazi prima facie, hu kontra l-gharus taghha naxxenti mill-gherusija ta' bejniethom li

thassret tant li jidher li hi ppruvat gia li tiehu dak li jispetta lilha minghand dak li mieghu ghamlet l-ispejjez dejjem fl-ambitu ta' gherusija u kwindi aspettativa ta' zwieg. Kull ftehim li setghet ghamlet ir-rikorrenti kien mal-gharus u mkien ma jirrizulta illi l-intimat kien partecipi f'dan il-ftehim. Ir-rikorrenti fil-fatt tghid biss li hu tahom id-dar biex ighixu fiha ghax ma kellhomx fejn joqghodu. Ma hemm ebda allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-intimat refa' xi obbligu iehor fil-konfront tar-rikorrenti. Inoltre l-istess rikorrenti tammetti illi l-intimat semmai hu responsabbli ghall-arrikkament ingust. Apparti l-kwistjoni li r-rikorrenti tammetti illi d-dar mibnija fuq art li taghha l-intimat hu biss koproprjetarju, it-talba ghal arrikkament semmai kellha ssir kontra l-koproprjetarji kollha tal-art u fi kwalunkwe kaz talba ghall-arrikament ingust ma tistax ssir meta min sofra l-hsara ghandu azzjoni ohra sabiex jigi risartit ghad-dannu li sofra. F'dan il-kaz hu car illi l-azzjoni tar-rikorrenti hi kontra l-gharus u hekk fil-fatt jidher li ppruvat tghmel, ghalkemm ma jirrizultax x'gara ezatt.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hi nieqsa mill-prova tad-dritt prima facie fil-konfront tal-intimat. Il-Qorti ma tqis li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-pregudizzju irrimedjabbli li ictu oculi hu nieqes ukoll billi kull trasferiment li jista jaghmel l-intimat ta' sehmu mill-art mhux ser jippregudika per se d-drittijiet prekunjarji tar-rikorrenti, u dan apparti kwistjonijiet legali ohra naxxenti mill-istitut tal-arrikkament indebitu li jistghu jinfluixxu fuq it-talba tar-rikorrenti li mhix mertu ta' din il-vertenza.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------